Diff:  22/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**DR Audrey J. Demicoli  LL.D.**

**Avviz.  numru 233/02AJD**

**Rita Muscat**

**vs**

**VJ Salamone Equipment Limited**

**Seduta mizmuma illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2002.**

**Rita Muscat, l-attrici minn jedda bil-Malti bil-gurament taghha tghid:**

**Jiena kont xtrajt cash register minghand is-socjeta konvenuta 1995, fl-20 ta' Awissu, 2001, kien hemm xi hsara fil-cash register.**

**Jiena hadtha ghand is-socjeta konvenuta ghat-tiswija, izda tlabthom qabel ma jaffetwaw ir-riparazzjonijiet, huma kellhom jinffurmawni kemm kienu ser jisswew ir-riparazzjonijiet. Fit-23 ta' Awissu huma kienu nfurmawni illi r-riparazzjonijiet kienu ser jiswew sittin lira maltin (Lm60.00).**

**Jiena kont ghidtilhom li kont ser nikkonsulta mar-ragel u ninfurmhom jekk huma kellhomx jaghmlu t-tiswijiet u wara xi granet kont awtorizzajthom biex jaghmlu r-riparazzjonijiet, xi erba' t'ijiem wara li jiena kont awwtorizzajt is-socjeta konvenuta biex taghmel ir-riparazzjonijiet, jiena mort biex nigbor il-cash register, u huma kienu nfurmawni li dawn ir-riparazzjonijiet ma setawx isiru ghaliex kienu jridu jigu sostitwiti xi parts u huma ma kellhomx dawn il-parts in stock.**

**Huma ma ikkometewx ruhhom dwar kemm kienu ser jdumu biex jaslu Malta l-parts, imbghad jiena hallejt il-cash register ghandhom, nistena sa kemm jigu l-parts minn barra.**

**Jiena kont ncempel jew mmur ghand is-socjeta konvenuta mill-inqas darba fil-gimgha sabiex niverrifika waslux il-parts.**

**Wara xahar, jiena kont cempilt lis-socjeta konvenuta u kelliemt lil certu Jeremy Salamone u tlabtu jekk huwa setghax jaghtina cash register sakemm jigu l-parts minn barra, ghaliex jiena kont nuza din il-cash register fil-hanut tal-grocer li ghandha u l-fatt li jiena ma stajtx nutilizza il-cash register kien qed jikkawza inkonvenjent kbir. Huwa kien wehedni li ser itini risposta, izda sal-gurnata tal-lum ma rcivejt ebda risposta f'dan ir-rigward.**

**Wara xi tlett xhur jien ergajt mort sabiex niverifika waslux il-parts.  Is-socjeta konvenuta kienet infurmatni li l-parts kienu waslu fil-bidu tal-gimgha.**

**Kienu staqsewni, jiena kontx ghadni rrid illi ssir ir-riparazzjoni. Jiena kont ovvjament insistejt illi ssir ir-riparazzjoni u kont ghidtilhom li ili nistenna dawn ix-xhur, sabiex issir ir-riparazzjoni.**

**Huma nfurmawni illi issa l-prezz kien (Lm70.00) sebghin lira maltin u mhux (Lm60.00) sittin lira maltin, kif kienu qaluli qabel. Kienu regghu saqsewni jekk riedx li ssir ir-riparazzjoni u jiena kont irrispondejthom fl-affermattiv.**

**L-ghada kien cempili it-technician tas-socjeta konvenuta u kien qalli li l-hsara ma kientx fil-cash registrar fil-printer biss, izda kienet anke fil-keyboard u l-prezz sabiex issir ir-riparazzjoni kien issa (Lm110.00) mija u ghaxar liri maltin.**

**Jiena kont ghidtlu li ser nerga nkellem ir-ragel sabiex nara jekk riedx naghmel it-tisswijiet.**

**L-ghada kont mort ghand is-socjeta konvenuta u tlabthom jaghtuni il-cash register lura ghaliex**

**ghidtilhom li ddecidejt li ma naghmilx ir-ripparazzjonijiet.**

**F'dan l-istadju huma nformawni illi l-cash register kienu tilfuha u dahhluni sabiex nara jekk nistax nsiba. Jiena kont dhalt, kien hemm hafna cash register's ma sibtx il-cash register tieghi. Huma kienu offrew illi nhallas (Lm60.00) sittin lira maltin u jaghtuni cash register ohra li kienet ila ghandhom ghar-riparazzjoni, li kienu ser jaghtuli f'stat funzjonanti.**

**Jiena kont irrifjutajt, ghaliex jiena dehrli li ma kellix niehu cash register ta' haddiehor li ma kontx naf f'liema stat ta' manutenzzjoni kienet u nhallas (Lm60.00) sittin lira maltin ghal din il-cash register.**

**Jiena qed nitlob is-sittin lira maltin (Lm60.00) bhala prezz tal-cash register illi huma tilfu.**

**Jiena xtrajt cash register gdida minghand haddiehor, hallast il-prezz ta' (Lm252.00) mitejn tnejn u hamsin lira maltin, nipprometti illi**

**nesebixxi kopja tal-irecevuta rellattiva fis-seduta li jmiss.**

**Min fejn jiena xtrajt il-cash register il-gdida kienu taghuni fakulta li naghtijhom il-cash register l-antika u jhallsuni l-prezz ta' sittin lira maltin (Lm60.00) ghal din il-cash register.**

**Jiena ovjament ma stajtx naghmel hekk ghaliex il-cash register qatt ma giet rittornata lili mis-socjeta konvenuta, imma qed nitlob il-prezz ta' sittin lira maltin (Lm60.00) a bazi tal-offerta li jiena kelli minghand is-socjeta minn fejn xtrajt it-tieni cash register.**

**Jiena wara lis-socjeta konvenuta kienet infurmatni illi l-cash register kienet mitlufa, huma kienu talbuni zmien gimgha sabiex jaghmlu l-verifiki neccessarji, mhux minnu li jiena domt biex immur nigbor il-cash register minghandhom.**

**Kontro-ezami riservat.**

**Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Rita Muscat l-attrici dettata mit-Tribunal fil-presenza tal-istess xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Lorianne Camilleri**
**Traskrittur**